# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 15**

**Rikors numru 1224/12 JPG**

**Id-Direttur tal-Kuntratti, u ċ-*Chairman* tal-Malta Development Corporation**

**vs**

**Joseph Spiteri**

## Il-Qorti:

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat Joseph Spiteri minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Marzu, 2014, (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-deċiżjoni appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet it-tieni eċċezzjoni mqajma mill-istess intimat appellant imma ċaħdet l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tiegħu u laqgħet l-ewwel talba tal-kumpannija rikorrenti

appellata billi ordnat l-eżekuzzjoni mill-ġdid tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla Tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Novembru, 2001[1], u ordnat lill-intimat iħallasha s-somma ta' erbat elef disa' mija u sebgħin euro u ċenteżmu (€ 4,970.01). Ordnat ukoll li l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

2. Illi fid-deċiżjoni appellata l-ewwel Qorti ikkunsidrat kif ser jingħad:

"*Rat ir-rikors ta' Malta Industrial Parks Limited tas-26 ta' Novembru 2012 illi jaqra hekk :*

*"Illi b'sentenza tas-16 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet hawn fuq premessi li kopja legali taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok.A', liema sentenza ghaddiet in gudikat, dina 1-Onorabbli Qorti kkundannat lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma komplessiva ta' erbat elef mitejn u sebgha u sittin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4267.25) ekwivalenti ghal disat elef disa' mija u erbghin euro u zewg centezmi (€9,940.02) kif ukoll bl-ispejjez tal-kawza interament;*

*"Illi minkejja li l-intimat gie interpellat biex ihallas diversi drabi huwa baqa' inadempjenti;*

*"Illi din is-sentenza qatt ma giet ezegwita u llum ghaddew aktar minn ghaxar snin mill-jum li fih setghet tigi ezegwita u billi s-socjeta' esponenti ghandha interess li tezegwixxi din is-sentenza f'dan 1-istadju qieghdha tirrikorri quddiem dina 1-Onorabbli Qorti a tenur ta' 1-Artiklu 258 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*"Illi ai termini ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' 1-Artijiet (Kap. 169) kif emendata bl-Att III ta' 1-2004 hu pprovdut illi kull jedd jew obbligu li kien jispetta lill-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta fir-rigward ta' xi artijiet ghandu jvesti f'dik l-awtorita li ghandu jsemmi 1-Ministru responsabbli bhala l-awtorita minflok 1-imsemmija Korporazzjoni attrici; Illi permezz ta' l-Avviz Legali 360 ta' 1-2004, il-Ministru responsabbli semma' lis-socjeta esponenti bhala l-awtorita kompetenti u permezz ta' 1-Avviz Legali 361 ta' 1-2004 ghadda lill-istess socjeta esponenti, bhala 1-awtorita kompetenti, 1-amministrazzjoni ta' diversi artijiet, fosthom il-fabbrika li kienet giet koncessa lis-socjeta konvenuta;*

[1] Ċitazz. Nru. 860/98GC

*"Illi ghalhekk is-socjeta esponenti assumiet 1-obbligi u 1-jeddijiet kollha li kienu jispettaw lill-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta a bazi tal-precitata sentenza;*

*"Illi 1-Avukat Dottor Katrina Borg Cardona, detentrici tal-karta ta' 1-identita bin-numru 538673 M, ghan-nom tas-socjeta esponenti, debitament awtorizzata, qieghda bil-gurament taghha tikkonferma 1-kontenut ta' dan ir-rikors;*

*"Ghaldaqstant is-socjeta esponenti titlob bir-rispett illi din 1-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza lis-socjeta esponenti Malta Industrial Parks Limited sabiex tipprocedi bl-esekuzzjoni tas-sentenza precitata tas- 16 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet "Id-Direttur tal-Kuntratti u ic-Chairman tal-Malta Development Corporation vs Joseph Spiteri" ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

*"Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati l-intimat skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smiegh tal-kawza;*

*"Rat il-kopja legali tas-sentenza moghtija fis-16 ta' Novembru 2001 minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet 'Id-Direttur tal-Kuntratti u Chairman, Malta Development Corporation vs Joe Spiteri' (cit. Nru. 2860/98 GC) li tinsab esebita a fol 4 sa 6;*

*"Rat ir-Risposta tal-intimat Joseph Spiteri , tas-7 ta'Jannar, 2013, li taqra hekk:*

*"1. Illi preliminarjament, is-socjeta' rikorrenti m'ghandhiex id-dritt li tressaq dawn il-proceduri stante li m'ghandhiex id-dritt teegwixxi t-titolu ezekuttiv naxxenti mis-sentenza minnha citata, u dan stante li d-drittijiet u l-obbligi mnisslin mill-imsemmija sentenza huma vestiti fil-Korporazzjoni ghall-Izvi1upp ta' Malta, u ma gewx assenjati jew assunti mis-socjeta' rikorrenti abbazi tad-disposizzjonijiet legali minnha citati fir-rikors promotur taghha. Ghalhekk it-talba taghha ghandha tigi michuda, bl-ispejjez.*

*"2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, u diment li s-socjeta' rikorrenti tosserva r-rekwiziti mposti mill-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, it-talba taghha ghandha biss tinlaqa' <u>parzjalment</u>, in kwantu 1-istess socjeta' rikorrenti ghandha d-dritt biss li tezigi <u>nofs</u> 1-ammont kanonizzat permezz tas-sentenza citata minnha, stante li 1-istess sentenza ma kkoncedietx il-beneficcju tas-solidarjeta' lill-atturi f'dik il-kawza, u stante li skont 1-Artikolu 1090 tal-Kodici Clvili, is-solidarjeta' ghandha tkun imfissra espressament sabiex titqies li tezisti.*

*"3. Illi wkoll bla pregudizzju ghall-premess, 1-esponenti m'ghandux ibati spejjez, stante li din il-procedura saret inutilment, in kwantu s-socjeta' rikorrenti setghet facilment assocjat ruhha mad-Direttur tal-Kuntratti fil-*

*proceduri imressqin minnu ai termini ta' 1-Artikolu 258 tal-Kodici ta'Organizzazzjoni u Proceduri Civili, liema proceduri ghandhom in-numru 196/2012, 250/2012 u 251/2012."*

*"Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;*

*"Rat id-dokomenti u l-atti kollha tal-kaz;*

***"Ikkonsidrat:***

*"Joseph Spiteri sostna fl-ewwel eccezzjoni tieghu, illi s-socjeta' rikorrenti m'ghandhiex id-dritt li tressaq dawn il-proceduri l'ghaliex m'ghandhiex id-dritt tezegwixxi t-titolu ezekuttiv indikat fis-sentenza li l-esekuzzjoni taghha qed tintalab il-ghaliex d-drittijiet u l-obbligi mnisslin mill-imsemmija sentenza huma vestiti fil-Korporazzjoni ghall-Izvi1upp ta' Malta, u ma gewx assenjati lil, jew assunti mis-socjeta' rikorrenti.*

*"Illi din il-materja giet trattatta mill-partijiet fl-10 ta' Dicembru 2013. (vide fol 37 sa 43) Illi fil-kors tat-trattazzjoni, l-intimat sostna illi is-sentenza li l-ezekuzzjoni taghha qed tintalab, giet pronunzjata favur il-Malta Development Corporation (minn hawn il-quddiem indikata bhala MDC), u waqt li kien veru li abbazi ta' legislazzjoni, Malta Industrial Parks, assumiet certu obbligi u drittijiet precendentement vestiti fl-MDC, dawn d-drittijiet huma limitati "ghall-artijiet" – vide fol. 40. Di piu din is-sentenza meritu tal-ezekuzzjoni mitluba, tirrigwarda kuntratt u kanonizzazzjoni ta' kreditu konsegwenzjali ghall-inadempjenza kuntrattwali. Il-konvenut kompla jsostni, illi peress li kuntratt jitratta fuq drittijiet personali u "drittijiet maghqudin mal-persuna u mhux mal-mobbli", allura t-trasferiment tad-drittijiet u obbligi minn MDC ghall-MIP ma setghat qatt jinkludi drittijiet naxxenti mis-sentenza li taghha qed jintalab l-ezekuzzjoni.*

*"Malta Industrial Park irribadew (recte: irribattew) dan l-argument, billi sostnew li MDC m'ghadiex tezisti u li l-funzjonijiet taghha gew assunti minn entita' ohra skond l-Att dwar il-Kummisarju tal-Artijiet Chapter 169, emendat fis-sena 2004 u Avvizi Legali 360 u 361 tas-sena 2004. Ghaldaqstant kwalsiasi obbligu li kellu l-Kummissarju tal-Artijiet kien ghadda ghand l-MDC u gew trasferiti lill-MIP en bloc. Illi is-sentenza in ezami kienet inghatat fis-sena 2001 u ghaldaqstant dawk id-drittijiet kollha gew trasferiti tramite Chapter 169 u l-Avvizi Legali 360 u 361 lill Malta Industrial Parks.*

***"Ikkonsidrat:***

*"L-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169) jipprovdi li* ***'d-drittijiet u r-responsabbiltajiet kollha'****, fir-rigward ta' immobbli tal-Gvern jew fil-pussess, amministrazzjoni tal-Gvern ghandha tghaddi ghand il-Kummissarju tal-Artijiet. B'dak l-istess Att, d-drittijiet u responsabbiltajiet fuq certu proprjetajiet, kellha tghaddi ghand il-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta li twaqqfet b'ligi.*

*"Malta Industrial Parks Limited hi s-successur ta' Malta Development Corporation. Permezz ta' Avviz Legali 360 tal-2004 fis-sehh mill-15 ta' Lulju 2004, gie ddikjarat li 'Malta Industrial Parks Limited (C28965) hija msemmija bhala l-awtorita kompetenti ghall-finijiet ta' l-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet.'*

> ***"Skond l-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet fil-kaz ta' proprjeta fil-pussess jew amministrata mill-Korporazzjoni, id-disposizzjonijiet tal-Att dwar Zgumbrament minn Artijiet (Kap. 228), "ghandhom ghall-finijiet ta' dawk l-artijiet jinqraw u jiftehmu daqslikieku kull riferenza f'dawk l-Atti għall-Kummissarju tal-Artijiet kienet riferenza għaċ-Chairman tal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta.".***
>
> ***"Fl-2004 post il-Koprazzjoni haditu Malta Industrial Parks Limited li saret l-awtorita kompetenti ghal finijiet tal-Artikolu 2 tal-Kap. 169.""***

*"Vide sentenza* ***"HP Cole Limited vs Malta Industrial Parks Limited"*** *deciza fit-28* ***ta' Marzu 2012*** *per* ***Onor Imh Dr.A. Ellul****.*

*"Di piu fis-sentenza* ***"Socjeta Euro Chemie Product Limited vs Malta Industrial Parks et****" deciza fid-****29 ta' Settembru 2009*** *per* ***Onor Imh. Dr. J.R Micallef***

> ***"Illi, minbarra dan, ħarsa lejn id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kap 169[2] tal-Liġijiet ta' Malta jagħmluha ċara li MIP ngħatat setgħat (b'delega) li jikkaratterizżaw lil kull awtorita' b'funzjoni pubblika. L-istess dispożizzjonijiet jixhdu wkoll li MIP tgawdi setgħat ta' funzjoni regolatriċi pubblika u amministrativa[3]. Il-Qorti tinnota wkoll li kienet MIP nnifisha li fit-tmien u fid-disa' paragrafi tad-Dikjarazzjoni Maħlufa tagħha tistqarr daqstant, meta tgħid li hija "s-suċċessur" tal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta;"***

*"Illi din il-Qorti fuq l-insenjament tas-sentenzi fuq citati taghraf illi Malta Industrial Parks Limited, hija is-sucessur tad-drittijiet, u obbligi kif ukoll responsabilitajiet illi precendentement kienu jaqghu taht il-karigu tal-MDC u ghaldaqstant tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Joseph Spiteri.*

*"Il-Qorti tghaddi biex tezamina t-tieni eccezzjoni li fiha l-intimat isostni li t-talba attrici ghandha tintlaqa' biss parzjalment il-ghaliex is-socjeta' rikorrenti MIP kellha dritt biss li tezigi nofs l-ammont kanonnizzat fis-sentenza li l-ezekuzzjoni taghha qed tintalab.*

*"Is-socjeta' MIP tirribatti illi qabel is-sena 2000 l-MDC kellha s-setgha li tidhol f'kuntratt t'appalt. Dan id-dritt gie trasferit lill-MIP bis-sahha tal-Att*

---

[2] Ara l-ewwel żewġ *provisos* tal-art 2 u l-art 3 tal-Kap 169

[3] App. Ċiv. **9.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Borġ noe et vs Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta***

*III, tas-sena 2004. – vide ukoll affidavit ta' Dr. Katrina Borg Cardona Dok. A a fol.21.*

*"Il-Qorti rat u ezaminat is-sentenza Dok. A deciza mill-Onor. Imh. Dr. G. Camilleri fis-16 ta' Novembru 2001 minn fol. 4 sa 6, u taghraf li sentenza citata ma akkordat favur l-atturi ebda solidarjeta', minkejja dak illi jinghad fl-affidavit ta' Franco Agius data 22 ta' Mejju 2013 (a fol. 33).*

*"Illi ghaldaqstant il-Qorti taghraf illi s-socjeta' rikorrenti tista' biss tezegwixxi is-sentenza sa nofs l-ammont hemmhekk indikat. Ghalhekk tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat.*

*"Illi ghar-rigward tat-tielet eccezzjoni ghar-rigward tal-ispejjez "inutli", fis-sens li l-MIP setghet assocjat ruhha mad-Direttur tal-Kuntratti fil-proceduri 196/2012 , 250/2012 u 251/2012, din il-Qorti taghraf illi r-rikorrenti naqas illi jindika n-natura ta' dawn il-proceduri jew l-import taghhom. Tali nuqqas ifisser illi l-Qorti konsegwentement m'hijiex f'qadgha li tilqa' it-tielet eccezzjoni.*

*"Jirrizulta illi s-sentenza Dok. A moghtija fil-16 ta' Novembru 2001 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl- ismijiet 'Direttur tal-Kuntratti u Charmain Malta Development Corporation vs Joseph Spiteri' (cit. Nru. 860/98 GC) ghaddiet in gudikat u ghalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv skond l-Artikolu 253(a) tal- Kapitolu 12.*

*"Jirrizulta li din is-sentenza baqghet ma gietx ezegwita u ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta setghet tigi ezegwita. Jirrizulta mill-affidavit ta' Dr. Borg Cardona a fol. 21, illi ebda pagament ma sar mill-intimat Joseph Spiteri mid-data tas-sentenza 'l hawn. Ghalhekk il-kaz jaqa` fl-ambitu tal-Artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 .*

*"Wara li qieset l-atti ta` din il-procedura, din il-Qorti tiddikjara li hija sodisfatta li s-sentenza ghad tista` tigi esegwita sa nofs l-ammont pretiz u cioe nofs is-somma ta' disghat elef disa' mija u erbghin Ewro u zewg centezmi (€9,940.02).*";

3. B'Rikors tal-Appell imressaq minnu fil-21 ta' Marzu, 2014, l-appellant, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar id-deċiżjoni appellata billi minflok tgħaddi biex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu u tiċħad it-talbiet tal-kumpannija appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontriha;

4. Il-kumpannija appellata wieġbet għall-appell b'Risposta mressqa fil-11 ta' April, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imtennija qalet lil-aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq u li d-deċiżjoni appellata għandha tkun konfermata;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell mill-avukati tal-partijiet;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili biex sentenza terġa' ssir eżegwibbli wara li laħaq għadda ż-żmien qabel ma saret l-eżekuzzjoni tagħha. Il-kwestjoni ewlenija f'dan l-appell ġejja mill-fatt li l-parti li nediet din il-proċedura ma kinitx waħda mill-partijiet fil-kawża meta ngħatat is-sentenza li tagħha issa qiegħda tintalab l-esegwibilità, iżda tgħid li hija s-suċċessur fil-jeddijiet ta' dik il-parti;

9. Illi l-**aggravju tal-appellant** mid-deċiżjoni appellata hi li huwa jqis li l-ewwel Qorti naqset meta qieset li l-kumpannija appellata tgawdi l-

jeddijiet li kienet tgawdi l-Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta (KIM) bis-saħħa tas-sentenza li tagħha qiegħda tintalab l-eżekuzzjoni. Huwa jisħaq li l-ewwel Qorti ma messhiex ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu u għalhekk ma għamiltx sewwa li għaddiet biex tilqa' t-talba fil-mertu. Fit-tifsir li huwa jagħti lill-aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li, minkejja dak li jipprovdi t-tieni *proviso* tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet[4], il-kumpannija appellata ma ngħatatx l-ebda drittijiet u responsabbiltajiet li seta' kellha KIM dwar il-kawża partikolari u dan lanqas biż-żewġ Avviżi Legali li nħarġu bil-ħsieb li jgħaddi tali jeddijiet. Ladarba l-assenjazzjoni tal-jeddijiet favur il-kumpannija appellata saret dwar ġid immobbli partikolari msemmi fl-imsemmija Avviżi Legali u ma kinitx assenjazzjoni ġenerali, il-kumpannija appellata ma kellha l-ebda jedd biex titlob l-eżekuzzjoni tas-sentenza minflok il-KIM;

10. Illi l-kumpannija appellata laqgħet għal dan l-aggravju billi, fl-ewwel lok, qajmet il-kwestjoni tas-siwi tal-appell billi qalet li ma hemmx jedd ta' appell minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tawtorizża l-eżegwibilità ta' sentenza wara li jkun għalaq iż-żmien, u li wkoll kieku kien hemm jedd ta' appell, iż-żmien biex parti tappella minn degriet mhuwiex dak li wieħed jingħata biex jappella minn sentenza, u għalhekk l-appell imressaq mill-appellant tressaq wara ż-żmien. Laqgħet ukoll, fil-mertu, billi qalet li d-deċiżjoni appellata hija tajba u jixraq tkun konfermata;

[4] Kap 169

11. Illi din il-Qorti jidhrilha xieraq li, qabel ma tqis l-aggravju tal-appellant, tiddisponi mill-kwestjoni tas-siwi tal-appell tiegħu, ladarba ma jkunx meħtieġ li tqis l-aggravju jekk dak li tgħid il-kumpannija appellata dwar is-siwi tal-appell jirriżulta mistħoqq;

12. Illi l-appellata ssejjes il-kawżali tan-nuqqas ta' siwi tal-appellfuq żewġ raġunijiet: (i) l-ewwel waħda hija li l-liġi ma tipprovdix għal appell minn deċiżjoni taħt l-artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, filwaqt li (ii) t-tieni raġuni hi li, f'kull każ, l-appellant ressaq l-appell tiegħu wara li għalaqlu ż-żmien biex jagħmel dan. Dwar l-ewwel raġuni, hija tgħid li l-proċedura maħsuba fl-artikolu 258 biex biha titoli eżekuttivi jerġgħu jingħataw ħajja eżekuttiva hija waħda speċjali u għalhekk ladarba l-liġi ma tgħidx espressament li wieħed jista' jappella minn deċiżjoni mogħtija minn proċedura bħal dik, dan ifisser li ma hemmx jedd ta' appell, għaliex fejn il-liġi riedet tagħti jedd bħal dak kienet tgħidu espressament. Tgħaddi biex issemmi ċirkostanzi oħrajn fil-Kodiċi Proċedurali fejn il-liġi tagħti jedd ta' appell minn ċerti proċeduri. Dwar it-tieni raġuni, hija tgħid li d-deċiżjoni appellata mhijiex sentenza imma degriet, u għalhekk jekk tabilħaqq hemm jedd ta' appell, dan ried jitressaq fiż-żmien u bil-mod li l-liġi taħseb għal appelli minn degrieti;

13. Illi l-Qorti tibda biex tqis li l-fatt li l-proċedura maħsuba mil-liġi taħt l-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 titressaq b'rikors u mhux b'rikors maħluf, ma jġibx b'daqshekk biss nuqqas ta' jedd ta' appell minn xi deċiżjoni mogħtija taħt dak l-artikolu. Hemm bosta ċirkostanzi fejn il-liġi titlob il-proċedura ta' rikors "sempliċi" li minn deċiżjoni tagħha jingħata jedd ta' appell[5] u li dan il-jedd jintuża bla xkiel b'mod regolari. Fit-tieni lok, wieħed ma jridx jinsa li, qabel ma saru l-bidliet fil-Kodiċi bl-Att XXIV tal-1995, il-proċediment preskritt biex wieħed jitlob l-eżegwibilità mill-ġdid ta' titolu eżekuttiv kien bil-mezz tal-Att taċ-Ċitazzjoni, li huwa l-mod ordinarju ta' proċedura kontenzjuża fl-ewwel istanza u li, awtomatikament, minn deċiżjoni minnu jingħata l-jedd ta' appell. Dan ifisser li tali proċediment dejjem kien iġib miegħu l-jedd ta' appell favur il-parti aggravata. Meta ddaħħlu l-bidliet fil-Kodiċi dwar din l-għamla ta' proċediment, imkien ma ngħad li l-jedd tal-appell kien qiegħed jitneħħa. Fit-tielet lok, l-appellata ma ssemmix li l-Kodiċi fih ukoll dispożizzjonijiet li jgħidu meta ma jingħatax il-jedd ta' appell[6], u l-proċeduri mnedija taħt l-artikolu 258 mhijiex fost dawk il-proċeduri. Fir-raba' lok, tant jidher li jeżisti l-jedd ta' appell minn proċedura mnedija taħt l-artikolu 258, li l-Kodiċi nnifsu jipprovdi li f'ebda każ, l-appell minn sentenza li tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' sentenza oħra, ma jwaqqaf l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza l-oħra[7];

---

[5] Ara, b'eżempju, l-proċedura tar-Ritassa taħt l-artikolu 64 u dik tal-kontestazzjoni ta' jeddijiet favur il-Gvern taħt l-artikolu 466(2) tal-Kap 12

[6] Ara, b'eżempju, l-artt. 35, 27, 227, 228, 468(7), 762(4) u 836(5) tal-Kap12 fost oħrajn

[7] Art. 269 tal-Kap 12

14. Illi għaldaqstant, il-Qorti twarrab il-preġudizzjali tal-kumpannija appellata dwar in-nuqqas ta' siwi tal-appell fuq din ir-raġuni bħala waħda infondata fil-fatt u fid-dritt;

15. Illi t-tieni raġuni miġjuba 'l quddiem mill-appellata għan-nuqqas ta' siwi tal-appell hija li l-appell tressaq wara ż-żmien. Hija tqis li d-deċiżjoni appellata hija degriet u mhux sentenza, u għalhekk ma jgħoddx iż-żmien tal-għoxrin (20) jum għall-appell bħalma jgħodd fil-każ tas-sentenza, imma ż-żmien mogħti għal appell minn degrieti;

16. Illi d-distinzjoni fil-liġi bejn degriet u sentenza għadha tiswa sallum il-ġurnata[8]. Minbarra l-għażla tradizzjonali bejn degrieti interlokutorji u dawk kamerali, il-provvedimenti li għandhom min-natura ta' degriet jintgħarfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza prinċipalment minn jekk jagħlqux jew le l-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun ingħata. Huwa maqbul b'awtorità li jekk deċiżjoni tagħlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi biss dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bħala degriet[9]. Kif ingħad b'awtorità[10] wkoll, dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittività tagħha (fis-sens ta' *quando terminat negotium de quo agitur*), u tista' tkun ta' żewġ għamliet: jew li taqta' l-meritu tal-kwestjoni, jew li teħles lill-parti

[8] Ara, b'eżempju, App. Inf. PS **10.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Francis Portanier noe et vs George Micallef***

[9] Ara Prof. Caruana *Notes on Civil Procedure* paġ. 1419; Mattirolo *Diritto Giudiziario*, Vol. IV, pp16-7; u Mortara *Digesto Italiano* Vol XXI (*voce " Sentenza Civile"*), paġġ. 450 ff.

[10] App. Ċiv. **29.4.1925** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Borġ Olivier*** (Kollez. Vol: **XXVI.i.115**)

mħarrka milli tibqa' fil-kawża. Min-naħa l-oħra, d-degrieti ma jtemmux il-kwestjoni u jingħataw matul is-smigħ tal-atti bis-soluzzjoni ta' kwestjonijiet anċillari. L-iżjed karatteristika ewlenija fid-degriet hija li ma jikkostitwix ġudikat għall-qorti li tkun tatu[11], għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ f'sentenza[12]. Kien ukoll meqjus li, ġeneralment, meta f'provvediment il-Qorti tirriżerva l-kap tal-ispejjeż għal stadju ieħor, dan ikun sinjal ċar li dak il-provvediment ikun degriet u mhux sentenza[13]. Minbarra dan, il-fatt li l-provvediment huwa motivat ma jibdlux b'daqshekk f'sentenza: l-ebda parti tal-liġi ma tgħid li degriet ma jibqax tali jekk titniżżel fih ir-raġuni għaliex il-Qorti tkun waslet għal dik il-fehma tagħha. Min-naħa l-oħra, dak li jiswa mhijiex l-għamla jew id-dettal tal-provvediment daqskemm in-natura tad-dispożittiv tiegħu;

17. Illi jekk wieħed iqis dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u japplikahom għad-deċiżjoni appellata, ma għandux ikun hemm wisq dubju li dak li l-appellant appella minnu huwa sentenza u mhux degriet. Dan jingħad l-aktar għaliex il-Qorti li tat l-imsemmija deċiżjoni ma tistax terġa' lura minnha u wkoll għaliex il-kwestjoni bejn il-partijiet ingħalqet mal-għoti ta' dik id-deċiżjoni. Huwa magħruf li fi proċedura maħsuba taħt l-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sentenza li tagħha tintalab l-eżekutibilità mill-ġdid tibqa' titqies bħala ġudikat[14], u li l-provvediment li

---

[11] Art. 230 tal-Kap 12
[12] App. Ċiv. **27.10.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Pace Axiak vs Caruana*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.582**)
[13] Ara art. 223(2) tal-Kap 12
[14] App. Ċiv. **5.10.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuela Falzon noe et vs Joseph Vella et*** (mhix pubblikata)

jingħata biex jirrendiha eżegwibbli mill-ġdid huwa, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, sentenza[15];

18. Illi għalhekk lanqas din il-preġudizzjali tal-kumpannija appellata dwar is-siwi tal-appell ma hija tajba u mhix qed tintlaqa';

19. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis l-aggravju tal-appellant fil-mertu. Kif ingħad, huwa jikkontesta li l-kumpannija appellata tabilħaqq ingħatat is-setgħat li qabel kienu jappartjenu lill-KIM. Din il-qagħda kien sawwarha fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu u li l-ewwel Qorti ċaħditha fid-deċiżjoni appellata. Huwa jgħid li ma kienx minnu li l-jeddijiet ta' KIM tassew għaddew għand il-kumpannija appellata. Biex isaħħaħ din il-fehma, huwa jsemmi t-tieni *proviso* tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet[16] u kif ukoll iż-żewġ Avviżi Legali, wieħed maħruġ fl-1992[17]u l-ieħor fl-2004[18] li bihom il-kumpannija appellata tissemma bħala l-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza. Fl-aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-assenjazzjoni saret biss b'riferenza għall-artijiet li jissemmew fl-Avviż Legali tal-1992 u li ma tressqet l-ebda prova li x-xogħlijiet tal-appalt li kienu l-mertu tas-sentenza mogħtija fl-2001 saru jew messhom saru f'xi wieħed mill-fondi speċifiċi

---

[15] Ara App. Kumm. **11.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Bonniċi noe vs Paul Ċilia et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.885**) u App. Ċiv. **29.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***John Portelli noe vs Henry Azzopardi pro et noe*** (mhix pubblikata)
[16] Ordinanza XI tal-1962 (Kap 169) (imħassra bl-Att XVII tal-2017)
[17] Ordni dwar it-Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet tal-Kummissarju tal-Artijiet (A.L. 73/92)(L.S. 169.01) kif emendat
[18] Regolamenti dwar in-Nomina ta' Awtorità Kompetenti (A.L. 360/04)(L.S. 169.02)

msemmija f'dak l-Avviż Legali. Huwa jżid jgħid li, fin-nuqqas ta' prova f'dan ir-rigward u ladarba l-assenjazzjoni kienet waħda speċifika, il-kumpannija appellata ma setgħet qatt titlob hi, minflok KIM, l-eżekuzzjoni mill-ġdid tas-sentenza msemmija. Fuq kollox, il-jedd kanoniżżat fis-sentenza li tagħha kienet intalbet l-eżegwibilità mill-ġdid kien jedd prettament personali u mhux reali u għaldaqstant lanqas jista' jingħad li l-assenjazzjoni magħmula lill-kumpannija appellata setgħet laqtet jedd bħal dak;

20. Illi l-kumpannija appellata twarrab dan ir-raġunament u tisħaq li l-assenjazzjoni li saret bis-saħħa tal-Avviżi Legali kienet waħda li tatha r-rappreżentanza ta' kull jedd li KIM kellha fit-titolu maħluq bis-sentenza ta' Novembru tal-2001 u li hija setgħet titlob b'wiċċha minn quddiem l-eżegwibilità tagħha. Hija tagħti tifsira ta' kif hija wirtet il-jeddijiet ta' KIM bis-saħħa tal-assenjazzjoni magħmula bil-liġi u kif dan il-"wirt" huwa wkoll magħruf u mfisser f'sentenzi tal-Qrati tagħna[19];

21. Illi l-Qorti jidhrilha li l-aggravju tal-appellant mhuwiex tajjeb. Fl-ewwel lok, mill-kliem tat-tieni *proviso* tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 169 (qabel tħassar), joħroġ ċar li, fost il-jeddijiet li l-liġi tgħid li setgħu jkunu assenjati lill-awtorità jew persuna oħra minn fost il-jeddijiet li kienu vestiti mill-KIM, hemm "kull jedd li għandu x'jaqsam ma' litigazzjoni li toriġina minnhom"

[19] Tirreferi għall-P.A. JZM **29.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Malta Industrial Parks Ltd vs Grazia Auto Care Co Ltd*** (mhix appellata)

(jiġifieri jeddijiet u responsabbiltajiet li jissemmew fl-ewwel *proviso* u li kienu vestiti fl-istess KIM). Fil-proċediment li kien sar u li wassal għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Novembru tal-2001, ma kienet tqajmet l-ebda kwestjoni dwar jekk ix-xogħol appaltat lill-appellant kienx maħsub li jitwettaq f'xi waħda mill-fondi maħsuba fl-artikolu 2 tal-Ordinanza. Fit-tieni lok, l-Avviż Legali 360 tal-2004[20], jindika lill-kumpannija appellata bħala l-awtorità kompetenti minflok il-KIM għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-imsemmija Ordinanza b'mod ġeneriku u bla ebda eċċezzjoni. Fit-tielet lok, ma hemm l-ebda dubju li l-jedd li eżerċitat il-kumpannija appellata meta fetħet din il-kawża fl-2012 biex titlob li s-sentenza li ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Novembru tal-2001 terġa' ssir eżegwibbli kien jedd litiġjuż. Fir-raba' lok, il-kwestjoni dwar jekk il-kreditu kanoniżżat bl-imsemmija sentenza mogħtija f'Novembru tal-2001 kienx jirreferi għal xogħol appaltat f'xi waħda mill-fabbriki li jissemmew fl-Avviż Legali 361 tal-2004 hija, fil-fehma tal-Qorti, għal kollox irrilevanti f'din il-kawża għaliex dak li ntalab li jerġa' jsir eżegwibbli huwa l-kreditu kanoniżżat bis-sentenza tal-2001 u mhux ħaġ'oħra marbuta mal-ġid li kien immexxi jew amministrat mil-KIM meta nħalaq l-appalt, u wkoll għaliex, kif ingħad qabel, fi proċedura bħal din, mhux mogħti li parti terġa' tqanqal kwestjonijiet li jkunu saru ġudikat bis-saħħa ta' sentenza;

[20] Ara r-reg 2 tal-A.L. 360/2004 (L.S. 169.02)

22. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-aggravju mhuwiex mistħoqq u mhux ser jintlaqa';

***Decide:***

23. Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li l-Qorti twarrab il-preġudizzjali tan-nullità tal-appell imqajma mill-kumpannija appellata, **tiċħad l-appell** tal-intimat bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, **bl-ispejjeż** kontra l-appellant.

Joseph Azzopardi
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm